4 ta' Frar 2018
22/2018

## KAPPILLAN ĠDID GĦALL-PARROĊĊA TAL-IMSIDA

L-Arċisqof Charles J. Scicluna ħatar lil Kan. Dun Simon Sciberras bħala l-Kappillan tal-Parroċċa ta' San Ġużepp, l-Imsida.

Dun Simon Sciberras twieled fl-14 ta' Ġunju 1969. Irċieva l-edukazzjoni primarja tiegħu fl-iskola ta' St Joseph, Tas-Sliema, l-edukazzjoni sekondarja fil-Kulleġġ Stella Maris, il-Gżira, u l-edukazzjoni post-sekondarja fil-Kulleġġ Ġan Franġisk Abela, l-Imsida. Kompla l-istudji terzjarji fil-Fakultà tat-Teoloġija (Filosofija u Teoloġija) fl-Università ta' Malta.

Dun Simon ġie ordnat saċerdot fit-2 ta' Lulju 1999. Beda l-ħidma pastorali tiegħu fil-Parroċċa ta' San Ġużepp, l-Imsida, fejn serva bħala viċi kappillan għal erbatax-il sena. Fl-2013 inħatar rettur tal-Knisja ta' Kristu Rxoxt (Tal-Erwieħ), Ħal Tarxien.

Il-Parroċċa tal-Imsida tiġbor fiha madwar 8,500 persuna f'2,400 familja.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1,
Floriana, FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**